# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

# Illum 2 ta' Awwissu, 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roxanne Tabone)**

**Vs**
**Kamil Konieczny**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Kamil Konieczny, imwieled nhar is-06 ta' Novembru, 2003 gewwa Lublin ta' Nazzjonalita Polakka, iben Henryk u Marzena, detentur tal-passaport Polakk bin-numru EL7316729 u minghajr residenza fissa gewwa Malta.

Akkuzat talli fl-1 t'Awwissu 2022, ghall-habta tat-08:30Hrs, mal-wasla tieghu minn Spanja fuq titjira FR1527 gewwa l-Ajurport Internazzjonali ta' Malta;

1) Akkwista, kellu fil-pussess tieghu, ghal-liema ghan ikun iz-zamma jew l-importazzjoni tal-armi regolari u l-munizzjon iprojbiti imsemmija fl-Iskeda I ta-Kapitlu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan bi ksur ta' lartiklu 3(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi mal-wasla tieghu minn Spanja fuq it-titjira FR1527, wara intervent u tfittxija li saret mill-Uffiċjali tad-Dwana, instab li xjentement kellu fil-pussess tiegħu u depożitat għandu u/jew importa jew daħħal jew kellu x'jaqsam f'illi tiġi importata f'Malta knuckle duster (ponn tal-hadid) u dan bil-

ħsieb li jiffroda lill-Gvern minn Dazju jew Taxxa li jkun imiss jitħallas jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni dwar dawn l-oġġetti.

In-knuckle duster, li l-importazzjoni u l-pussess tagħha huma pprojbiti u/jew ristretti, għandha Valur totali ta' €5.80, Dazju dovut €0.16 u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (V.A.T.) li tammonta għal €1.07.

Dan bi ksur tal-Artikli: 60 (1) (b), 62 (a) (b) (f) (g) (h) (i) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, tal-Liġijiet ta' Malta.

3) U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, wara intervent u tfittxija li saret mill-Uffiċjali tad-Dwana, instab li xjentement kellu fil-pussess tiegħu u depożitat għandu u/jew importa jew daħħal jew kellu x'jaqsam f'illi tiġi importata f'Malta knuckle duster, u dan bil-ħsieb li jiffroda lill-Gvern minn Dazju jew Taxxa li jkun imiss jitħallas jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni dwar dawn l-oġġetti.

In-knuckle duster, li l-importazzjoni u l-pussess tagħha huma pprojbiti u/jew ristretti, għandha Valur totali ta' €5.80, Dazju dovut €0.16 u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (V.A.T.) li tammonta għal €1.07.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li wara l-ftehiem amministrattiv li ntlahaq bejn l-imputat u l-Kummissarju tat-Taxxi l-prosekuzzjoni irtirat t-tieni u t-tielet imputazzjoni.

Rat li l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghti zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-prosekuzzjoni irtirat t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Illi l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, wara li rat l-artikolu 3(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni issib lil-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni u taghha tikkundannah tlett xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sena. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna l-konfiska ta'l-oggett esebit bhala Dok RT11 u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 57 ta'l-istess Kapitolu 480 qed tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja taht l-imsemmija Kapitolu 480.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**